MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 183/2014

**L-Avukat Dr. Damian Bigeni bhala mandatarju specifiku ta' Shevel Camelleri**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku Malta**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors guramentat ta' l-istess Avukat Dr. Damian Bigeni *nomine*, karta ta’ l-identita' numru 4685(G) ta' 83, Triq Sir Luigi Camilleri, Rabat, Ghawdex datat 26 ta’ Frar 2014 fejn l-istess Avukat Damian Bigeni *nomine* jikkonferma, filwaqt illi jiddikjara illi jaf bil-fatti hawn esposti

personalment: -

Illi l-esponenti *nomine* ossia Shevel Camelleri, xebba, bint Alfred Camilleri u Angela nee' Caddy twieldet f’Misurata, Libja fl-erbgha (4) ta’ Gunju elf disa’ mija tmienja u sebghin (1978), u dan kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid taghha numru tlett elef erba' mija u hamsa u sittin tas-sena elfejn u tnax (3465/12); liema certifikat jinsab anness u mmarkat bhala Dokument “A”.

Illi dan l-istess certifikat huwa afflitt minn zball fis-sens illi fil-kolonna intestata "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha u kunjom it-Tarbija” kunjom l-esponenti *nomine* gie ndikat bhala skorrettament fil-verita` bhala “Camelleri”, meta dan kellu jigi ndikat bhala “Camilleri”;

Illi kif jirrizulta mill-istess Att tat-Twelid, dan l-izball jidher illi gie sahansitra ripetut fil-kolonna intestata "Isem u Kunjom” fis-sezzjoni illi titratta d-dettalji ta’ "Missier it-Tarbija" fejn hawnhekk il-kunjom ta’ missier l-esponenti *nomine* gie wkoll indikat bhala “Camelleri” minflok “Camilleri”;

IIli r-rikorrenti *nomine* qed jannetti kopja ta' traduzzjoni tal-Att tat-Twelid tar-rikorrenti *nomine* mill-Gharbi ghall-Ingliz fejn il-kunjom kif tradott gie ndikat korrettament bhala "Camilleri". Din it-traduzzjoni tinsab annessa bhala Dokument “B”;

Illi r-rikorrenti *nomine* qed jannetti wkoll kopja tal-estratt tac-certifikat tat-Twelid ta' missier ir-rikorrenti ossia Alfred Camilleri bhala Dokument “C” u dan sabiex jigi pruvat b'mod ezawrjenti illi kunjom l-esponenti *nomine* kellu jigi ndikat bhala "Camilleri" u mhux “Camelleri”;

Illi ghaldaqstant hemm lok illi ssir korrezzjoni fl-Att tat-Twelid tal-esponenti *nomine* sabiex dan l-izball jigi kkoregut; u huwa ghalhekk illi qieghda ssir din it-talba;

Jghid ghalhekk il-konvenut 'l ghala din l-Onorabbri Qorti m’ghandhiex:

1 Tiddikjara illi l-Att tat-Twelid tal-esponenti *nomine* u cioe` ta’ Shevel Camelleri, liema att igib in-numru progressiv tlett elef erba’ mija u hamsa u sittin tas-sena elfejn u tnax (3465/12) jikkontjeni zewg zbalji kif fuq spjegat; u konsegwentement

2 Tordna illi l-istess Att ta' Twelid jigi kkorregut billi fil-kolonna intestata "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha u kunjom it-tarbija", il-kunjom "Camelleri" jigi sostitwit bil-kunjom “Camilleri”, u billi fil-kolonna intestata "Isem u kunjom” in kwantu din tirreferi ghal “Missier it-Tarbija" il-kliem "Alfred Camelleri” jigu sostitwiti bil-kliem “Alfred Camilleri";

Bl-ispejjez kontra l-konvenut illi huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-8 ta’ Mejju 2014.

Rat ir-risposta guramentatata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 23 ta’ April 2014 (fol 16) fejn espona : -

1 Illi *in linea* preliminari jinghad illi huwa mehtieg li tal-inqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal- Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi l-esponent primarjament jirrileva li Shevel Camelleri twieldet f'Misurata, il-Libya fl-4 ta' Gunju 1978 u r-registrazzjoni tal-att tat-twelied taghha hawn Malta saret *ai termini* tal-Artikolu 244 tal-Kap 16 li jistabblixxi l-procedura kif att civili li jkun irregistrat f'pajjiz barrani jista’ jigi irregistrat hawn Malta;

3. Illi meta l-esponent jigi biex jirregistra att barrani hu jrid jimxi skrupolozament ma' dak li jkun hemm miktub fl-att li jkun maghmul barra minn Malta, jew fuq traduzzjoni ta' tali att jekk tkun f'lingwa ohra oltra l-lingwa Ingliza. F'dan il-kaz l-att tat-twelid tar-rikorrenti sar il-Libya u l-lingwa li intuzat biex jitnizzlu d-dettalji hija dik Gharbija. Meta saret it-traduzzjoni mill-lingwa Gharbija ghal dik Maltija (kopja tat-traduzzjoni annessa u mmarkata Dok. DRP 1) il-kunjom gie indikat bhala "Camelleri" u l-esponent mexa biex jirregistra l-att ezatt skont l-informazzjoni li nsibu f'din it-traduzzjoni.

4. Illi ghalhekk ma hemm ebda nuqqas tal-esponent f'dan ir-rigward.

5. Illi jekk ir-rikorrenti tipprova a sodisfazzjon tal-Qorti li t-traduzzjoni ta' kunjomha fl-att tat-twelid barrani ghandu jkun "Camilleri", l-esponent ma jsib l-ebda oggezzjoni li ssir il-korrezzjoni fuq l-att tat-twelid irregistrat hawn Malta sabiex jirrifletti l-att ta' twelid ta' barra minn Malta.

6. Illi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza.

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghda tigi ingunta in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta’ Mejju 2014 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Damian Bigeni ghar-rikorrent u Dr Maurizio Cordina ghall-intimat. Dr Bigeni pprezenta nota b’ erba’ dokumenti u ghadda kopja tal-istess lil Dr Cordina *seduta stante*. Il-partijiet iddikjaraw li m’ ghandhomx aktar provi u l-kawza tista’ tigi differita ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghal dan l-iskop ghas-26 ta’ Gunju 2014.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi l-attur nomine qed jagħmel din it-talba *ai termini* tal-artikoli **253 *et sequitur*** tal-Kodiċi Ċivili li jagħtu dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 saret debitament skont il-Ligi.

Illi permezz ta' din il-kawza, l-attur *nomine* qed jitlob li ssir korrezzjoni fl-Att ta' Twelid ta' Shevel Camelleri billi jigu korretti zewg zbalji rispettivament fil-kunjom it-tarbija u fil-kunjom ta' missierha, li fit-tnejn hemm imnizzel il-kunjom "*Camelleri*" minflok il-kunjom korrett "*Camilleri".*

Li dan hu zball jirrizulta palezament mic-certifikat tat-twelid ta' missier ir-rikorrenti, Alfred Camilleri (**DOK C**) rilaxxjat mir-Registru Pubbliku Malti.

L-intimat ma opponiex ghat-talba salv li m'ghandux jigi addebitati b'responsabbilta' ghall-izball peress li agixxa fuq it-traduzzjoni mill-lingwa Gharbija tal-att tat-twelid originali moghtija lill-ufficjali tieghu fejn il-kunjom tar-rikorrenti kien imnizzel bhala "*Camelleri"* (**DOK DRP1**).

Il-Qorti hija soddisfatta li r-rikorrent *nomine* irnexxielu jipprova li sar zball fir-registrazzjoni mertu ta' din il-kawza u ghalhekk din il-Qorti ser tghaddi biex tilqa' t-talbiet attrici.

Ikkonsidrat izda li l-intimat ma nkorra fl-ebda responsabbilta' ghall-akkadut peress li agixxa abbazi tat-traduzzjoni li giet moghtija lill-ufficjali tieghu u konsegwenza ta' dan m'ghandux ibati l-ispejjez ta' din il-kawza.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi :-

1. **Tilqa'** l-ewwel talba attrici u tiddikjara illi l-Att tat-Twelid ta' Shevel Camelleri, liema att igib in-numru progressiv tlett elef erba' mija u hamsa u sittin tas-sena elfejn u tnax (3465/12) jikkontjeni zewg zbalji kif hawn spjegat;

2. **Tilqa'** it-tieni talba attrici u tordna illi l-istess Att ta' Twelid jigi kkoregut billi fil-kolonna intestata "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha u kunjom it-tarbija", il-kunjom "Camelleri" jigi sostitwit bil-kunjom "Camilleri", u billi fil-kolonna intestata "Isem u kunjom" in kwantu din tirreferi ghal "Missier it-Tarbija" il-kliem "Alfred Camelleri" jigu sostitwiti bil-kliem "Alfred Camilleri" .

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------